**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 9/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 38.**

**360 Food Import Limited (C46590)**

**Triq l-Imdina,**

**Qormi**

**vs**

**Andre Delicata (K.I. 24078M)**

**7, Zuriel, Penthouse,**

**Triq l-Imghazel,**

**Swieqi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fid-09 ta'Jannar, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' mija u sitta u disghin ewro u dsatax il-centezmu (€196.19c) prezz ta' merkanzija ordnata mill-konvenut u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta izda huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda ta' Dr Jonathan Abela in rapprezentanza tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ral-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Semgha waqt is-seduta tal-lum lil P.L Joeline Pace Ciscaldi tikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant peress li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ppruvata it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u disghin ewro u dsatax-il centezmu (€196.19c) bl-imghax legali mid-data tal-Avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**